MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Numru 544/2009

**ILLUM 8 ta' Ottubru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Micallef)
vs
Joachim Francica

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 351255(M);

Akkuzat talli fil-31 ta' Marzu 2009, ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar, waqt li kien gewwa Triq Santa Venera, Msida:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor u cioe ta' Vincent Francica f'periklu car, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vincent Francica, anzjan ta' 62 sena u dan kif ccertifika Dr Jeffrey

Bonnici MD, ta' l-Isptar Mater Dei ati termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali ta' Malta;
2. U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghalkemm kien pprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
3. U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku permezz ta' ghajjat u glied.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti fuq l-artikoli tal-ligi citati;

Semghet ix-xhida;

Rat il-verbal tallum;

Ikkonsidrat:

F'dan il-verbal maghmul mill-pate civile, l-imputat u d-difensur tieghu fil-presenza tal-ufficjal prosekutur, jinghad li sehh patteggjament 'fis-sens illi l-imputat jiddikjara ruhu hati u tinhareg Protection Order.'

Stante li l-partijiet kollha dehru kondordi ghal dan, il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

Rat l-Artikolu 216, 218, 339(e), 338 (dd) u 17 tal-Kap 9. Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 412(C) u tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte civile u familjari tieghu kontra kull fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza da parti tal-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------